MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2011

Numru. 1463/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Raymond Aquilina]**

**vs**

**Kenneth Azzopardi**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Kenneth Azzopardi detentur tal-karta tal-identita` numru 34178(M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fit-08 ta' Marzu 2007 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda.
1. Irrenda ruhu komplici fl-ghoti ta' dikjarazzjonijiet jew certifikati foloz a tenur tal-Artikoli 42 u 185 tal-Kodici Kriminali

2. U wkoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, wieghed, ta jew offra, sew b'mod dirett jew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna, li asserixxiet jew ikkonfermat li kienet kapaci taghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub-titolu IV tat-Titolu III tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex igieghel lil dik l-istess persuna tesercita dik l-influwenza;

3. U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, talab, ircieva jew accetta xi offerta jew weghda ta' xi vantagg mhux xieraq ghalik innifsek jew ghal hadd iehor bil-ghan li tesercita xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub-titolu IV tat-Titolu III tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 17(h), 18, 42(d) 185(2), 121A(1) u 2 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li dan hu tal-ahhar assorbit fl-Artikolu 185(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni mill-imputat ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u l-konferma ta' tali ammissjoni anke wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, u stante li l-istess imputat ikkopera mal-prosekuzzjoni u li l-fedina penali tal-istess hija wahda netta, u fejn il-Qorti hija sodisfatta illi l-imputat ma kellux involviment mal-procedura sabiex jinhargu l-licenzji relattivi qed issib lill-imputat Kenneth Azzopardi hati ta' dawn l-akkuzi u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tikkundannah ghal tlettax-il (13) xahar prigunerija sospizi ghal sentejn (2).

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------